



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' April 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0280(COD)

7986/19
ADD 1 REV 1

CODEC 814
PI 61
RECH 196
EDUC 183
COMPET 290
AUDIO 54
CULT 59
DIGIT 66
TELECOM 152

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta min-Netherlands, il-Lussemburgu, il-Polonja, l-Italja u l-Finlandja

L-objettivi ta' din id-Direttiva kienu li jittejjeb il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li jiġu stimulati l-innovazzjoni, il-kreattività, l-investment u l-produzzjoni ta' kontenut ġdid, anke fl-ambjent diġitali. Il-firmatarji jappoġġjaw dawn l-objettivi. It-teknoloġiji diġitali biddlu radikalment il-mod kif jiġi prodott, distribwit u aċċessat il-kontenut. Il-qafas leġislattiv jeħtieġ li jirrifletti u jiggwida dawn il-bidliet.

Madankollu, fil-fehma tagħna, it-test finali tad-Direttiva jonqos milli jwassal b'mod adegwat l-għanijiet imsemmija hawn fuq. Nemmnju li d-Direttiva fil-forma attwali tagħha hija pass lura aktar milli pass 'il quddiem għas-Suq Uniku Diġitali.

B'mod partikolari, jiddispijaċina li d-Direttiva ma tiksibx il-bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-detenturi tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini u l-kumpanniji tal-UE. Għalhekk tirriskja li xxekkel l-innovazzjoni aktar milli tippromwoviha u li jkollha impatt negattiv fuq il-kompetittività tas-Suq Uniku Diġitali Ewropew.

Barra minn hekk, inħossu li d-Direttiva jonqosha ċarezza legali, u ser twassal għal inċertezza legali għal ħafna partijiet ikkonċernati u tista' tinterferixxi fid-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE.

Għalhekk, ma nistgħux nesprimu l-kunsens tagħna għat-test propost tad-Direttiva.

Dikjarazzjoni mill-Estonja

L-Estonja minn dejjem appoġġat l-għan tad-Direttiva, jiġifieri aċċess aħjar għal kontenut online, il-funzjonament ta' eċċezzjonijiet ewlenin fl-ambjent diġitali u transkonfinali u l-funzjonament aħjar u bbilanċjat tas-suq tad-drittijiet tal-awtur.

Madankollu, l-Estonja tqis li t-test finali tad-Direttiva ma jiksibx bilanċ suffiċjenti bejn l-interessi differenti fl-aspetti kollha.

Barra minn hekk, reċentement l-Estonja kellha l-elezzjonijiet parlamentari u l-gvern u l-parlament il-ġodda tagħna għad ma setgħux jagħtu l-pożizzjoni tagħhom dwar it-test ta' kompromess finali.